**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 09/10(14_10_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 14 t' Ottubru 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Godwin Azzopardi – *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv - Xlendi.

Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier kienet skużata permezz ta' *e-mail* li bagħtet.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-7 t' Ottubru 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Memo 126-2010 Attivita' Community Chest Fund.
6. Memo 118-2010 Inizjattivi Ambjentali (Vodafone).
7. Memo 121-2010 Skema Inizjattivi Sportivi.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 123/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 19506 rigward reġistru ta' l-ilmenti.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 124/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 19524 rigward il-lokalitajiet li għandhom ir-responsabiltajiet tal-Monti li jinsabu f' dik il-lokalita' u Mistoqsija Parlamentari Numru 19525 rigward dawk il-lokalitajiet u/jew ċioe *ż-zones* li fihom jiġu organizzati Monti imma li l-Kunsill Lokali ta' dik il-lokalita' m'għandux x' jaqsam magħhom.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 125/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kodiċi ta' Prattiċi Tajba għall-Produzzjoni ta' *Films* fil-Lokalitajiet'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 126/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Attivitajiet fil-Lokalitajiet b' Risq il-Malta Community Chest Fund'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 127/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti dwar il-Ġbir ta' l-Iskart Imħallat'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 128/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Taħriġ għall-Impjegati tal-Librerji Pubbliċi'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 129/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 20033 rigward studji li saru matul l-ewwel disa' xhur ta' din is-sena fuq *playgrounds* jew *playing fields* fil-lokalitajiet sabiex titjieb is-sigurta' għat-tfal u ż-żgħażagħ li jużawhom.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 130/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 20095 rigward dawk il-Kunsilli li organizzaw attivita' kulturali fil-lokalita' tagħhom din is-sena.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 131/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 20098 rigward il-Kunsilli Lokali li impenjaw ruħhom f' ħidma fil-qasam soċjali u fil-ħarsien ta' l-identita' lokali din is-sena.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 132/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 20126 rigward il-Kunsilli Lokali li mhumiex aċċessibbli għal kulħadd.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 133/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 20116 rigward issa li l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali bdew jiftħu s-Sibt ukoll, x' tip ta' servizz qed joffru f' dik il-ġurnata.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 134/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 20128 rigward il-Kunsilli Lokali li għandhom uffiċċju tal-*one stop shop*.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 135/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 20129 rigward jekk il-Kunsilli Lokali introduċewx servizzi ġodda tal-*e-government*.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward il-'European Week for Waste Reduction'.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qiegħda taħdem fuq il-produzzjoni ta' programm ġdid li se jixxandar fl-iskeda li ġejja fuq TVM. Dan il-programm għandu l-għan li jwassal, permezz tat-televiżjoni, dehra ta' postijiet li jinsabu taħt l-art u li għaldaqstant qatt ma, jew ftit li xejn, intwerew lill-pubbliku. Hija qiegħda titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex tinġabar aktar informazzjoni rilevanti mil-lokalita'.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Transport Section, Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni - Għawdex rigward it-trasport tat-tfal organizzat mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni għall-istudenti ta' l-iskejjel Sekondarji.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Arma tal-Gvern fil-*Billboard*, *Poster* jew *Flyers'*.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Applikazzjonijiet Pendenti Quddiem il-MEPA'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Council for the Voluntary Organisations, rigward il-'Voluntary Organisations Directory 2011'.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Malta Business Bureau u l-MHRA (Malta Hotels & Restaurants Association) rigward ir-'Regional Development for Sustainable Tourism' Business Seminar, fit-8 t' Ottubru 2010, fil-Hotel Phoenicia, Floriana.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali, Dipartiment tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors ta' l-Universita' tat-tielet eta' f' Għawdex 2010-2011'.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. PA/02203/10 – Biex jissana varjazzjonijiet fuq il-faċċata minn kif approvata fil-permess bin-numru PA1308/01 (ftuħ ta' bieb u tibdil fil-gallerija) u biex il-*boathouse* tibda tintuża bħala pizzerija fi Triq San Xmun, ix-Xlendi u Applikazzjoni Nru. PA/03640/10 – *To construct additional rooms at the back of existing building and internal alterations to split house into two and add two pools* fi Triq il-Munxar, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta) fejn qed tiġi ċċirkolata stedina tal-UDITE lis-Segretarji Eżekuttivi għall-10 Kungress ta' l-istess federazzjoni li ser isir fi Strasbourg bejn id-29 u t-30 t' Ottubru 2010.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-VISET Malta plc rigward il-'Carve-a-Pumpkin National Contest at Valletta Waterfront'.

2.25 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Training Services Division tal-ETC rigward it-'Training Subsidy Scheme'.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kap tal-Unita', Żgħażagħ fl-Azzjoni, Il-Kummissjoni Ewropea rigward 'Konsultazzjoni *online* dwar il-programm Ewropew Futur għaż-Żgħażagħ'.

2.27 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. PA/04156/10 – *To construct pool and boundary wall at back of site and to sanction removal of stairs approved in permission PA1634/89* fi Triq il-Munxar, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.28 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali – Għawdex il-Minuti tal-laqgħa li saret fl-1 ta' Settembru 2010 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat u d-dokument dwar Renewable Energy for Gozo.

2.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Skema Presepji 2010'.

2.30 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Media.link Communications Company Ltd. rigward 'Intervisti ma' Awturi Kontemporanji Maltin'.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex iwasslu ittra li t-Touring Club Malta talbet li tiġi mwassla għand il-Kunsilli Lokali kollha rigward il-Malta Transport Museum.

2.32 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-programm *draft* rivedut tal-laqgħa għas-Sindki tat-22 u 23 t' Ottubru 2010.

2.33 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ sabiex il-Kunsill jattendi għall-Konferenza f' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fit-23 t' Ottubru 2010.

2.34 Il-Kunsill irċieva Memo 136/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Komunikazzjoni mal-MEUSAC'.

Il-ħin kien is-6.30 ta' filgħaxija u l-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri daħal fil-laqgħa.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand persuna li għandha proprjeta' n-naħa ta' fuq tax-Xlendi. Hija qed titlob sabiex meta terġa' tinfetaħ Triq ix-Xlendi, l-karozzi tal-linja għandhom jibqgħu telgħin sa viċin Triq ir-Rumani peress li anzjani u *holiday makers* bit-tfal isibuha diffiċli li jimxu mill-*Parking* tax-Xlendi sa Triq ir-Rumani u toroq oħra tal-viċin. Il-Kunsill jaqbel ma' dan is-suġġeriment u fil-fatt hekk ser isir meta ssir ir-riforma fit-Trasport Pubbliku.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq San Pawl fejn qed jilmenta li x-xita qed tkaxkar terrapien li jkun ġej minn Triq ta' Luvier. Huwa qed jissuġġerixxi li jsir xi tip ta' *culvert* għall-ilma. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa informat li Triq ta' Luvier ser tinkesa bit-tarmak u għalhekk din il-problema tissolva.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tissuġġerixxi li fin-niżla ta' Triq il-Qsajjem li tagħti għall-Bajja tax-Xlendi titwitta parti mill-għelieqi sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw il-karozzi u tkun tista' titgawda l-veduta ta' l-irdum u l-Bajja tax-Xlendi. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jsiru xi *picnic tables* jew xi kafetterija żgħira. Għalkemm huwa suġġeriment validu, dan ma jistax jiġi attwat peress li r-raba' huwa kollu tal-privat.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* rigward is-sitwazzjoni tat-triq fid-daħla tal-Munxar. Peress li din l-*e-mail* hija anonima l-Kunsill iddeċieda li ma jagħtix każ tagħha.

3.05 *E-mail* li bagħat is-Sindku lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp rigward periklu minn blat li qed jaqa' fi Triq Santa Dminka.

3.06 *E-mail* li bagħat is-Sindku lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp rigward ħajt li waqa' fi Triq ta' Marżiena, Munxar.

3.07 *E-mail* li bagħat is-Sindku lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp rigward ħajt ta' triq li waqa' fuq art privata fi Triq Żgħawri.

3.08 *E-mail* li bagħat is-Sindku lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp rigward ħajt li waqa' fi Triq il-Munxar.

3.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sur Michele Fenech Adami ġie elett membru tal-Kumitat Amministrattiv – Xlendi skont regolament 91 tat-Tielet Skeda u Att f' elezzjoni każwali li saret fl-Uffiċċju Elettorali nhar it-Tnejn, 13 ta' Settembru 2010.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 73/2010 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. F' din l-ittra l-Kumitat Amministrattiv – Xlendi ġie informat li ser jingħata s-somma ta' €156 bħala assistenza finanzjarja. Huma qed jitolbu li r-rapport ta' l-inizjattiva jrid jasal għand il-Bord ta' Evalwazzjoni sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Novembru 2010.

3.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 73/2010 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. F' din l-ittra l-Kunsill ġie informat li ser jingħata s-somma ta' €100 bħala assistenza finanzjarja. Huma qed jitolbu li r-rapport ta' l-inizjattiva jrid jasal għand il-Bord ta' Evalwazzjoni sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Novembru 2010.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Munxar Falcons F.C. fejn filwaqt li qed jirringrazzjaw lill-Kunsill ta' l-appoġġ li l-Kunsill dejjem tahom, qed jerġgħu jitolbu lill-Kunsill Lokali sabiex għall-istaġun 2010/11 jerġa' jieħu f' idejh il-ħlas tat-trasport tat-tfal tan-*Nursery* f' diversi grawnds għal-logħob. Ġie deċiż li jiġi kkonsultat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din il-materja.

3.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand omm il-Kantanta żgħira Sarah Bonnici li ser tkun parti mit-*team* ta' Nicole Azzopardi fejn ser tirrappreżenta lil Malta fil-Junior Euro Song ġewwa l-Belarus fl-20 ta' Novembru 2010. Hija qed titlob għal għajnuna finanzjarja u bħala ringrazzjament tkun lesta tiġi tkanta f' xi attivitajiet li jorganizza l-Kunsill matul is-sena. Ir-Regolamenti Finanzjarji ma jippermettux li jingħataw donazzjonijiet.

3.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 52/2010 u Memo 93/2010 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Life Long Learning. Ġie approvat li l-Kunsill Lokali tal-Munxar jorganizza l-kors 'Maltese as a Foreign Language' u ser issir klassi waħda, b' għaxar applikanti fejn kull individwu ser iħallas €20 u min għandu Kartanzjan ma huwa ser iħallas xejn. Il-Bord iddeċieda li jgħaddi lill-Kunsill is-somma ta' €918.40. Il-Kunsill irid iħallas l-għalliema li ser tiswa €1,118.40.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 09-10(14_10_10).

**5.00 Memo 126-2010 Attivita' Community Chest Fund.**

5.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ *memo* fejn qed jistieden lill-Kunsill sabiex fil-*weekend* ta' l-20 u 21 ta' Novembru 2010 jiġu organizzati attivitajiet biex jinġabru fondi għall-Community Chest Fund. Ġie deċiż li l-Kunsill Lokali tal-Munxar jorganizza *Sports Day* fl-20 ta' Novembru 2010, fil-grawnd taċ-Ċentru Parrokkjali. Ser ikun hemm *Football*, *Basketball*, *Billiard* u *Water Fight*.

**6.00 Memo 118-2010 Inizjattivi Ambjentali (Vodafone).**

6.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ sejħa dwar kompetizzjoni li l-Kumpanija Vodafone qed tniedi għall-Kunsilli Lokali sabiex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma. Ġie deċiż li l-Kunsill Lokali tal-Munxar japplika għal din il-kompetizzjoni permezz tal-Proġett ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina.

**7.00 Memo 121-2010 Skema Inizjattivi Sportivi.**

7.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali reġa' ħareġ sejħa għall-Inizjattivi Sportivi fil-komunita'. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika l-istess bħal tas-sena l-oħra iżda ma tinkludix il-logħob tal-baħar fix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li ħareġ il-kont tax-xogħlijiet li saru fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina li sar minn MPJ Ltd, saret laqgħa mal-Perit Saliba u rriżulta li xogħol ta' *leanmix* għall-ammont ta' €422.87 ma ġiex inkluż fil-kont. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kuntrattur MPJ Ltd. jitħallas l-ammont ta' €422.87.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill bix-xogħlijiet li diġa' saru u li qed isiru fil-lokalita'. Bħalissa qed jinżabru s-siġar ta' Triq Ras il-Bajjada u sar tindif tat-toroq mit-trabijiet li kaxkret ix-xita. Il-ħaddiema ta' l-ETC qed joborxu u jiżbgħu l-*Gazebo* li hemm fi Ġnien Ragalna u dalwaqt tkun lesta. Fix-Xlendi beda xogħol ta' restawr ta' l-Istatwa ta' Sant' Indrija. Il-ħaddiema sabu ħsara kbira u l-Perit Ivana Farrugia ser tkellem lill-MEPA sabiex jingħata approvazzjoni li tinqala' l-istatwa u jsir *membrane* taħt l-istatwa peress li qed titla' ħafna umdita' mill-pilastru.

**9.00 Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

9.01 Is-Sur Godwin Azzopardi, *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv - Xlendi rrapporta dwar l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv - Xlendi li saret fid-9 t' Ottubru 2010. F' din il-laqgħa attenda għall-ewwel darba l-membru s-Sur Michele Fenech Adami peress li ġie elett bil-*bye election*. Ġie deċiż li l-Kumitat Amministrattiv - Xlendi jitlob rapport mingħand l-Inġinier Renzo Curmi dwar it-*tender* tal-lampi tax-Xlendi. Il-Kumitat Amministrattiv - Xlendi ser japplika għall-kompetizzjoni Vodafone u l-proġett ser ikun jinkludi *pots* fuq il-bankina u dwar Inizjattivi Sportivi ser japplika għal *Tracking Tour* għal żmien il-Għid.
Il-Kumitat Amministrattiv - Xlendi ddeċieda li l-attivita' sabiex jinġabru fondi għall-Community Chest Fund jidħlu bi sħab ma' l-attivita' li ser issir mill-Kunsill. Il-Kumitat Amministrattiv - Xlendi ddeċieda wkoll li japplika għall-ERDF *Funding* sabiex jintefa' ramel fil-Bajja tax-Xlendi u jsir pavimentar. Saret *expression of interest* mal-MEUSAC dwar dan il-proġett. Dwar dan ser issir konsultazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex u l-MTA.

9.02 Dawn huma l-ilmenti li l-Kumitat Amministrattiv irċieva:

- Qed iżomm l-ilma fi Triq is-Sienja.
- Qed isir irrejżjar ta' karozzi bil-lejl fi Triq ir-Rabat.
- Saret talba sabiex żewġ siġar jinqalgħu minn Trejqet il-Madonna tal-Karmnu.
- Qegħdin jiltaqgħu xi żgħażagħ fi Triq il-Kappar u qed isir ħafna storbju.
- Qed isiru xi ilmenti dwar *plots* mingħajr *boundary walls* u bini *shell* mingħajr ma jkunu magħluqa.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Wara l-maltemp li ħakem il-gżejjer Maltin, saret ħafna ħsara mix-xita. Waqgħu diversi ħitan tas-sejjieħ u l-wied kaxkar ħafna ħmieġ fit-toroq tax-Xlendi. Ħaddiema mill-Ministeru għal Għawdex naddfu t-toroq u nfetħu dawk it-toroq li kienu mblokkati.

10.02 Il-passaġġ magħruf bħala tas-Sidra huwa mblokkat u s-Sindku kien ser imur jara x' jista' jsir ħalli jinfetaħ l-aċċess.

10.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni li saret dwar attivitajiet kulturali mhux ser tkun kompetizzjoni ta' baned iżda ser isiru marċijiet għal ġol-Pjazza tal-Knisja minn kull banda minn diversi toroq. Wara jsir Kunċert fil-Pjazza. Fil-Pjazza jsiru wkoll *stands* ta' Snajja Antiki u din l-attivita' ssir fuq ġurnata.

10.04 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir *flyer* dwar il-ftuħ ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina u jsiru xi avviżi dwar regolamenti sabiex ma ssirx ħsara. Fuq in-naħa ta' wara tal-*flyer* jingħata informazzjoni dwar il-Pjazza u ż-żeba' tas-sinjali li qed isiru ma' l-art.

10.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li f' għalqa li tagħti għal taħt ix-Xatba saret miżbla u ser isir rapport lil tas-Sanita', hemm diversi materjal mitfugħ fi Triq il-Kantra u hemm ukoll karozza mingħajr *number plates*. Il-Kunsill kien ser jieħu l-passi meħtieġa dwar dawn.

10.06 Il-Kunsill kien ser joħroġ *flyer* sabiex isiru attivitajiet sportivi hekk kif approvat mill-Iskema ta' Attivitajiet Sportivi.

10.07 Bħalissa m'huwiex isir ġbir ta' skart domestiku fi Triq ta' Luvier għaliex ix-xufier tat-*truck* qed jirrifjuta li jidħol minħabba l-kundizzjoni ħażina tat-triq. Is-Sindku huwa informat li t-triq ser titranġa fi żmien qarib.

10.08 Nhar is-Sibt, 23 ta' Settembru 2010 ser isir l-iffirmar tal-kuntratt li sar bejn il-Kunsill Lokali Munxar u Din l-Art Ħelwa minħabba t-tmexxija tat-Torri tax-Xlendi. Ser ikun hemm il-preżenza tas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Jason Azzopardi. Il-ħin ser ikun fl-4 ta' filgħaxija u l-post għad irid jiġi deċiż skont kif ikun it-temp għaliex jekk ikun temp sabiħ l-iffirmar isir ix-Xlendi u jekk ikun il-maltemp dan isir fil-Kunsill Lokali.

10.09 Is-Sindku ssuġġerixxa li peress li f' April 2011 ser jaħbad il-100 sena mit-twelid tal-Professur Ġuże' Aquilina jkun sewwa li ssir xi ħaġa ta' tifkira bħal per eżempju bolla kommemorattiva, lapida u monument.

10.10 Bħalissa għadhom qed isiru l-laqgħat dwar il-proġetti li ser isiru mill-fondi 323 u 313. Għadu kemm sar ftehim mal-Kumpanija IPSL sabiex żewġ ħaddiema jieħdu ħsieb it-tindif tal-*Playing Field* u l-Latrina filgħodu u filgħaxija inkluż Sibtijiet u Ħdud. Il-Kunsill irid jirranġa l-*cable* ta' l-*internet* li għaddej mill-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja peress li l-*plastic cable ties* inqatgħu kollha.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Ma kienx hemm x' jiġi rrapportat fir-Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri ssuġġerixxa li fil-Pjazza tal-Knisja ssir *Bus Shelter* issa u mhux meta ssir il-pjazza. Din għandha ssir xi ħaġa proviżorja minħabba li bħalissa tfal ta' l-iskola qed jistkennu ġo *garage* privat. Kien hemm qbil dwar dan.

12.02 Is-Sur Patrick Grima ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li r-*road hump* li kellha titneħħa minn Triq il-Munxar għadha ma tneħħietx. Din qed tikkaġuna inkonvenjent kbir lill-persuna li ma tiflaħx. Il-Kunsill ser jieħu passi sabiex din titneħħa.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 11 ta' Novembru 2010, fis-7.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill kien ser jiltaqa' fit-28 t' Ottubru 2010, fis-7 ta' filgħaxija sabiex jiġi diskuss Jum il-Munxar u t-tiżjin tal-Milied.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***